**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' April, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 32/2021 AF**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Adam Guz, detentur tal-passaport numru EF28854466, u detentur tan-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Pollakk NIP 6341148451**

**vs**

**WS Investments Limited, bin-numru ta' registrazzjoni C-35697**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dottor Alexander Schembri għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Adam Guz detentur tal-passaport numru EF28854466, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-Avukat Dottor Alexander Schembri gie debitament awtorizzat jipprezenta l-proceduri odjerni ghan-nom u in rapprezentanza tal-attur assenti Adam Guz, detentur tal-passaport numru EF28854466, u detentur tan-numru tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Pollakk NIP 6341148451, bis-sahha ta' prokura specjali tal-24 ta' Lulju 2020 (**DOK. A**).

L-attur jahdem fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u joffri servizzi kummercjali relatati, fost ohrajn, mal-immanigjar ta' fondi u max-xiri u mal-bejgh ta' ishma f'kumpanniji varji.

Il-kumpannija konvenuta talbet - gieli verbalment u gieli bil-miktub - is-servizzi tal-attur diversi drabi, u l-attur dejjem ippresta s-servizzi tieghu fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta li, minn naha taghha, dejjem hallset il-kumpens dovut lill-attur, hlief f'zewg okkazjonijiet.

Fl-ewwel okkazjoni, il-kumpannija konvenuta naqset milli thallas il-kumpens dovut lill-attur, fl-ammont ta' 2,000 PLN, ekwivalenti ghal €441.78, jew kwalsiasi somma ohra verjuri, skond il-fattura hawn annessa (**DOK. B**), rapprezentanti l-valur ta' servizzi kummercjali, ossija ta' konsulenza, li kienu gew rezi mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta, u dan minkejja l-fatt li l-istess kumpannija konvenuta wieghdet diversi drabi li kienet ser taghmel dan il-hlas.

Fit-tieni okkazjoni, il-kumpannija konvenuta kienet talbet is-servizzi kummercjali tal-attur - tramite l-entità li tiehu hsieb tmexxi l-assi tal-kumpannija konvenuta gewwa l-Polonja, u cioè WS Capital Sp. z o.o. Sp. k. - in konnessjoni max-xiri u mal-bejgh ta' ishma fi hdan kumpannija partikolari, ossija SARE S. A., li hija kumpannija registrata fuq il-borza ta' Warsaw.

L-attur gie awtorizzat mill-kumpannija konvenuta sabiex jirrapprezentaha f'din it-transazzjoni, u konsewgentement offra s-servizzi kummercjali tieghu, fosthom ta' konsulenza u ta' rapprezentazzjoni, u agixxa kif rikjest sabiex l-istess transazzjoni tkun tista' tigi ezegwita mill-istess attur, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta.

Il-kontendenti qatt ma ffinalizzaw kuntratt bil-miktub dwar is-servizzi kummercjali li kellhom jigu, u li fil-fatt gew, ipprestati mill-attur f'dan ir-rigward.

Madanakollu, l-attur ghandu fil-pussess tieghu dokumentazzjoni voluminuza li tixhed l-inkarigu li huwa inghata, u s-servizzi kummercjali li huwa ppresta ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta.

Per ezempju, kif jirrizulta mid-dokument hawn anness (**DOK. C**) intestat "*WSI Capital Growth Fund II*" l-attur kien jigi pprezentat, mill-kumpannija konvenuta, bhala wiehed mill-pilastri ewlenin li kien jimmangija l-fond in kwistjoni, inkluz:

a. F'pagna 7, fejn jinghad illi: "*the company is managed by the Fund's 4 principals: Mr. Jacek Kajko, Mr. Krzysztof Wisniewski, Mr. Adam Guz and Mr. Wojciech Tomlkowski (the "Managing Partners", the "Principals*");

b. F'pagna 13, fejn wiehed isib *curriculum vitae* qasira tal-attur, li tindentifika l-istess attur bhala *Manager*. F'pagna 14, il-kumpannija konvenuta tipprezenta lill-attur bhala l-persuna responsabbli biex tipprovdi: "*support of processes*", inkluz mill-aspett finanzjarju;

c. L-entitajiet kollha, ghajr ghal wahda, minn dawk kollha indikati f'pagna 71 taht l-intestatura: "*The following table shows the major projects in over twenty years history of the Principals*" kienu, effettivament, gew introdotti lill-fond mill-attur.

Il-ftehim bejn il-kontendenti minn dejjem kien illi l-erbgħa *managers* tal-fond ossija *WSI Capital Growth Fund* kellhom jiġu kumpensati f'ammont ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) ta' kwalsiasi profitt eventwali illi seta jsir mix-xiri u mill-bejgħ tal-ishma fi ħdan il-kumpannija SARE S. A., u cioè ħamsa fil-mija (5%) kull *manager*.

Fi Frar 2018 ġiet eżegwita u kompletata t-transazzjoni in kwistjoni, li permezz tagħha inxtraw u inbiegħu 801,544 sehem fi ħdan SARE S.A, u dan bi profitt ta' 12,500,500 PLN.

Fil-fatt, uħud mill-erbgħa *managers* involuti tħallsu l-kumpens li kien dovut lilhom kif ingħad, u kif kien ġie imwiegħed u pattwit bejn il-kontendenti.

Madanakollu, l-kumpannija konvenuta naqset milli tħallas il-kumpens dovut lill-attur, anke jekk qatt ma ċaħdet li dan l-istess kumpens kien dovut.

Minkejja li l-kumpannija konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas, lill-attur, is-somma ta' 768,781 PLN, ekwivalenti għal €169,961.18, jew kwalsiasi somma oħra verjuri, ekwivalenti għal 5% tal-profitt li sar mit-transazzjoni msemmija, ossija 625,025 PLN, flimkien ma' 23% Taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta l-Polonja, u cioè 143,756 PLN - inkluż permezz ta' ittra uffiċjali tas-6 t'Awwissu 2020 (**DOK. D**), l-istess kumpannija konvenuta baqgħet inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.

Għal fini ta' kjarezza, għandu jiġi rilevat illi l-attur qatt ma ħareġ fattura għall-imsemmi ammont ta' 768,781 PLN billi, malli jagħmel hekk, huwa jkun obbligat illi jħallas kemm it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u kif ukoll it-taxxa fuq id-dħul ġewwa l-Polonja, anke jekk jibqa' ma jitħallasx mill-kumpannija konvenuta.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont kumplessiv ta' 770,781 PLN, ekwivalenti għal €170,203.86, jew kwalsiasi somma oħra verjuri, inkluża t-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuta gewwa l-Polonja, rapprezentanti l-kumpens dovut lill-istess attur ghas-servizzi kummerjcali li gew rezi minnu fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta;

2. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas, lill-attur, is-somma ta' 770,781 PLN, equivalent ghal €170,203.86, jew kwalsiasi somma ohra verjuri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 t'Awwissu 2020, ossija ittra ufficjali numru 2375/2020, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet dekorribbli fuq is-somma ta' 2,000 PLN, ekwivalenti ghal €441.78, jew kwalsiasi somma ohra verjuri, b'effett mill-14 ta' Novembru 2017, u fuq is-somma ta' 768,781 PLN, ekwivalenti ghal €169,961.18, jew kwalsiasi somma ohra verjuri, b'effett mis-6 t'April 2018, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti anness.

Rat ir-riposta ġuramentata ta' WS Investments Limited (C-35697 li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament, il-kumpannija intimata mhijiex il-legittima kontradittrici fil-proceduri odjerni u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent Adam Guz u l-kumpannija intimata.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-kumpannija intimata ghandhom jigu respinti fl-intjier taghhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri kif tippermetti l-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawża permezz ta' liema l-attur qiegħed jitlob is-segwenti ħlasijiet:

i. €441.78 rappreżentanti valur għal servizzi ta' konsulenza reżi minnu lis-soċjetà konvenuta;

ii. €169,691.18 rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' konsulenza in konnessjoni max-xiri u l-bejgħ ta' ishma fi ħdan SARE S.A.

Is-soċjetà konvenuta laqgħet billi eċċepiet illi mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi u dan peress illi ma tirriżulta ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attur Guz. Tgħid għalhekk illi għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Eċċepiet ulterjorment u mingħajr preġeduzzju għall-eċċezzjoni preliminari illi t-talbiet attriċi huma nfondanti fil-fatt u fid-dritt.

Għal dak illi jirrigwarda din l-eċċezzjoni preliminari, l-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni m'għandiex mis-sewwa. Il-Qorti fliet id-dokumentazzjoni li ġiet esebita in atti mill-attur. Oltre għall-fatt li din id-dokumentazzjoni ma ssib ebda kontestazzjoni, in atti hemm diversi fatturi f'isem is-soċjetà konvenuta, fatturi li l-attur xehed dejjem tħallsu għajr għall-aħħar waħda.

Tqis għalhekk illi la darba jirriżulta li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, is-soċjetà konvenuta hija leġittima kontradittriċi tal-attur. Għandux raġun l-attur in kwantu l-mertu tal-azzjoni hija kwistjoni separata li l-Qorti għada trid tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwarha.

In kwantu għall-pretensjoni attriċi għas-somma ta' €441.78, l-attur ippreżenta in atti fattura li tirriżulta maħruġa f'isem is-soċjetà konvenuta. Xehed illi huwa dam jokkupa l-kariga ta' direttur għall-perjodu kollu bejn l-4 ta' Novembru 2013 u l-10 ta' Lulju 2015. Ħareġ diversi fatturi għas-servizzi tiegħu tul dan il-perjodu, fatturi li l-attur stess ikkonferma li dejjem tħallsu ħlief

għall-aħħar fattura li tagħha qiegħed jitlob ħlas permezz ta' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tosserva li minkejja l-eċċezzjonijiet imqajjma b'mod ġeneriku dwar l-infondatezza tat-talbiet, is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova u lanqas ma għamlet kontro-eżamijiet, addirittura ħadet atteggjament passiv għall-aħħar. Tqis għalhekk illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-ammont pretiż u fid-dawl tal-fattura li ġiet ippreżentata in atti, din il-pretensjoni sejra tiġi akkolta.

In kwantu għat-tieni parti tal-pretensjoni u cioè għal dak illi tirrigwarda t-talba attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €169,961.18 (inkluż il-VAT dovut ġewwa l-Polonja), f'dan ir-rigward l-unika prova hija x-xhieda tal-attur liema xhieda ma ssib ebda konferma. L-attur xehed illi ta diversi servizzi professjonali lis-soċjetà attriċi in kwantu l-bejgħ u x-xiri ta' ishma f'SARE S.A. Xehed illi t-transazzjoni ġiet konkluża fi Frar tas-sena 2018 fejn inbiegħu total ta' 801,544 sehem bi profitt ta' €12,500,500 PLN. L-attur xehed illi waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol relattiv għat-transazzjoni għall-bejgħ u l-akkwist tal-ishma, il-partijiet ftehmu bejniethom illi kull wieħed mill-erba' diretturi tas-soċjetà konvenuta kellu jieħu sehem ta' 5% mill-profitti. Issokta jgħid illi dan il-ftehim sar b'mod verbali għaliex qabel ġiet effettwata t-transazzjoni l-partijiet kienu għadhom ma ffirmawx ftehim bil-miktub għar-rigward ħlas ta' sehem mill-profitti. Kompla jixhed illi s-sehem tiegħu mill-imsemmija transazzjoni jammonta għas-somma ta' €169,961.18 inkluż il-VAT kif fuq ingħad. Żied jgħid illi huwa qatt ma ħareġ fattura fuq dan l-ammont minnu pretiz għaliex altrimenti, taħt il-liġi Pollakka, kien ikun dovut iħallas il-VAT anki jekk ma jkunx għadu tħallas għas-saldu.

Il-Qorti tqis din il-pretensjoni bħala wahda li mhijiex sorretta minn provi. Il-Qorti ma ssib ebda konferma mhux biss tal-profitt li sar mit-transazzjoni iżda wkoll tal-istess ftehim li seta' qatt kien hemm dwar tqassim ta' profitti bejn id-diretturi. Il-Qorti xtarret partikolarment dak illi xehed Wojtek Tomikowski li għalkemm xehed dwar l-involviment tiegħu fit-transazzjoni in kwistjoni, fl-istess ħin ma għamel ebda referenza jew aċċenn għal xi sorta ta' ftehim verbali li seta' kien hemm biex id-diretturi jaqsmu xi profitti. Fil-fehma ta' din il-Qorti mhuwiex verosimili

li l-ftehim ta' din l-entità, ukoll jekk jintlahaq verbalment biss, ma jibqa' ebda dokument li jirreferi ghalih.

In mankanza ta' provi sodisfacenti, din il-Qorti tqis illi t-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa'.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara lis-soċjetà konvenuta debitriċi tal-attur Adam Guz fis-somma ta' erbgha mija u wiehed u erbghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€441.78) rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' konsulenza reżi lilha u tikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont likwidat.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG